MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 769/2011

**Salvatore u Audrey konjugi Demanuele**

**vs**

**David Coleiro u Doreen Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-9 ta' Awwissu 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-atturi kienu inizzjaw proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-konvenut fl-1996 fejn talbu li din il-Qorti tordna lill-intimati jroddu lura flus imhallsa lilhom mill-esponenti indebitament.

2. Illi b'sentenza tas-26 ta' April 2010 din il-Qorti ddecidiet illi l-konvenut kien b'malafede thallas ammont ta' €10,200 aktar milli kien dovut u ordnat ir-rifuzjoni ta' din is-somma

bl-imghax mill-11 ta' Lulju 1996 u l-ispejjez tal-kawza (Dok. A).

3. Illi fil-frattemp il-konvenuti xoljew il-komunjoni tal-akkwisti u l-konvenut ittransferixxa lil martu l-intimata sehemu mill-proprjeta li kellhom filwaqt illi zamm id-dritt ta' uzu u abitazzjoni ghal hajtu, u dan kif jirrizulta mill-anness Dok. B.

4. Illi pero l-kreditu in kwistjoni favur l-atturi emanenti mis-sentenza hawn fuq citata hija passiv tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom peress illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-konvenuti ma tistax tippregudika Iill-atturi qua kredituri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment Ii din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

i. Tiddikjara illi I-ammont ta' €10,200 bI-imghax mill-11 ta' LuIju 1996 u l-ispejjez tal-kawza relattiva dovuti lill-atturi skond sentenza tas-26 ta' April 2010 (Citaz. Nru 2718/96 JRM) essendo dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, jista' jigi ezegwit ukoll fil-konfront tal-konvenuta solidalment ma' zewgha.

Bl-ispejjez inkIuz dawk ta' mandat ta' inibizzjoni numru 969/10 u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Doreen Coleiro li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament u unikament sabiex jigi evitat hafna delungar zejjed fil-prosegwiment tal-kawza, l-esponenti tirrileva illi s-sentenza li hi l-bazi taI-azzjoni hija skorretta u din x'aktarx saret b'lapsus tar-rikorrenti meta ried jikkampa l-azzjoni odjerna fuq sentenza erogata mill-istess Onorabbli Qorti per Onor. Joseph R. Micallef datata 26 ta' April 2010 Ii ggib referenza 2718/1996/1 u qabel ma jissewwa dan l-izball din il-kawza ma tistax tikompla;

2. Illi l-gudikat hawn fuq imsemmi (mhux dik erronjement indikat u esebit mir-rikorrenti) taghmel stat ta' fatt bejn ir-rikorrenti u David Coleiro biss u gnalhekk kull pretensjoni vantata kontra l-esponenti hija preskritta a tenur ta' artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi kif konfermat mir-rikorrenti fit-tieni premessa d-dejn civili origina minn 'male fede' tal-intimat David Coleiro u ghalhekk tali dejn huwa eskluz mill-komunjoni tal-akkwisti a tenur ta' artikolu 1327.f tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi mingnajr prequdizzju qhas-suespost, l-likwidazzjoni u kwantifikazzjoni ta' dak mehud b'reat mill-intimat David Coleiro fis-sentenza precitata saret cirka disgha snin wara li l-esponenti u l-intimat David Coleiro sseparaw u konsegwentment xoljew il-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma tistax taghmel parti mill-komunjoni;

5. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost il-komunjoni ezistenti bejn l-esponenti u l-intimat David Coleiro, u xolta permezz tal-att fuq imsemmi illum tinsab totalment likwidata u ma fadal xejn mill-assi tal-istess;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut David Coleiro li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament is-sentenza indikata fir-rikors promotur, cioe s-sentenza tas-26 ta' April, 2010 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili m'ghandha x'taqsam xejn rnas-sentenza li giet annessa mal-kopji tar-rikors guramentat li rcieva l-esponenti peress li d-Dokument 'A' anness mal-kopji li gie notifikat bihom l-esponenti jirreferu ghal sentenza tas-16 t'Ottubru, 2001 fl-ismijiet Salvatore D'Emanuele vs Priceclub Operators Limited u lanqas ma tirreferi ghall-esponenti u kwindi r-rikors promotur huwa monk stante li jikkontjeni referenza palesament skorretta;

2. Illi preliminarjament ir-rikors promotur huwa wiehed konfuz stante li in parti qieghed donnu jittanta jippresta actio pauliana u in parti qieghed jitlob dikjarazzjoni fis-sens li s-sentenza tigi esekuttiva wkoll kontra l-mara tal-esponenti pero fl-istess nifs ma jitlobx ghan-nullita jekk xejn tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-assi msemmi fir-rikors guramentat;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012;

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi intiza biex sentenza li marret in gudikat fl-ismijiet Salvatore u Audrey Demanuele vs David Coleiro fis-26 ta' April 2010 tigi dikjarata applikabbli wkoll fil-konfront ta' martu Doreen Coleiro billi l-kreditu naxxenti minn din is-sentenza a favur tal-konjugi Demanuele hu passiv tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Coleiro.

**Fatti**

Il-fatti li waslu ghal din il-kawza huma s-segwenti. L-atturi fethu kawza fl-1996 kontra David Coleiro ghal rifuzjoni ta' flus indebitament mizmuma minnu in konnessjoni ma ftehim ta' appalt maghmul bejn l-atturi u l-konvenut David Coleiro. Din il-kawza giet deciza fis-26 ta' April 2010 u minnha ma sar ebda appell. Kwindi din is-sentenza illum ghaddiet in gudikat. F'din is-sentenza l-Qorti sabet li l-konvenut Coleiro kien qarraq bl-atturi meta kiseb hlas li ma kellux jedd ghalih u gie kkundannat jirrifondi l-ammont deciz fis-sentenza kif ukoll l-imghax (ara sentenza a fol. 229 et seq. fil-process 2718/96).

Sakemm inghatat is-sentenza kien hemm zviluppi fir-regim matrimonjali tal-konjugi Coleiro. Fil-5 ta’ Novembru 2001 il-konjugi Coleiro resqu ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom sa dak il-jum b’effett minn dakinhar tal-kuntratt. David Coleiro, fost affarijiet ohra assenja d-dar matrimonjali lil martu u ftehmu wkoll li kull debitu li seta’ sar sa dakinhar tal-kuntratt kellu jispetta lil parti involuta minghajr ebda obbligu tal-parti l-ohra (ara fol. 66 et seq. tal-process).

Ma jidhirx mill-atti illi l-konjugi Coleiro huma separati jew divorzjati ghalkemm Doreen Coleiro xehdet li ilhom ighixu ghal rashom u illum David Coleiro jinseb fil-facilita korrettiva ta’ Kordin.

**Ligi**

Il-kwistjoni li tat lok ghal kawza fl-ismijiet Demanuele et vs Coleiro (2718/96) kienet dwar appalt li dahal ghalih David Coleiro mal-konjugi Demanule u skond ma jirrizulta mis-sentenza David Coleiro kien akkwista minghand il-konjugi Demanuele aktar flus milli kien dovut u ghalhekk gie kkundannat jirrifondi d-differenza.

Ghalhekk fl-ewwel lok irid jigi individwat jekk dan l-att cioe l-appalt kienx wiehed li jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti u kienx att ordinarju ta’ amministrazzjoni fejn allura l-konjugi Demanuele setghu harrku lil kull wiehed mill-konjugi Coleiro.

Li dan l-att kien wiehed li jappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti hu konfermat mill-istess konvenuta meta fil-kawza l-ohra hi ghamelt rikors datat 3 ta’ Ottubru 1997 (li stranament baqa’ mhux degretat) fejn hi stess talbet li tintervjeni fil-kawza billi qalet testwalment
”f’kaz li l-kawza ser ikollha ezitu favorevoli ghall-atturi, is-somma pretiza ser tkun dejn fuq il-komunjoni tal-akkwisti”

Din id-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenuta f’att gudizjaru hi ammissjoni diretta li l-appalt u kwindi ezitu sfavorevoli ghall-konvenut David Coleiro fil-kawza l-ohra

kien ser ikun debitu li ghalih trid taghmel tajjeb il-komunjoni tal-akkwisti.

Inoltre din il-Qorti tqis illi l-kawza saret biss kontra David Coleiro wahdu. L-atturi Demanuele fethu l-kawza fl-1996. L-artikolu 1322(1) tal-Kap. 16 ighid illi kwalsiasi wiehed mill-konjugi jista' jigi mharrek f'atti li huma parti mill-amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti. L-appalt ma jistax jitqies li kien att straordinarju tal-komunjoni tal-akkwisti kif trid l-artikolu 1322(2) tal-Kap. 16, izda kien att normali ta' negozju jew sengha ai termini tal-artikolu 1324 li jigi ezercitat mill-konjugi li effettivament ikun qed jezercita l-att ta' sengha jew negozju. Inoltre bir-rikors biex tintervjeni fil-kawza, il-konvenuta implicitament accettat li l-appalt kien att ta' amministrazzjoni ordinarja fejn ma kienx hemm bzonn il-kunsens jew l-approvazzjoni taghha biex isir l-att, kif irid l-artikolu 1322(2) tal-Kap. 16.

La darba ghalhekk id-debitu rizultanti mis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Demanuele vs Coleiro hu debitu tal-komunjoni tal-akkwisti isegwi illi l-konvenuti in solidum huma responsabbli ghal dan id-debitu skond l-artikolu 1327(f) tal-Kap. 16, u dan bl-istess assi tal-komunjoni.

Il-konvenuta Doreen Coleiro tallega illi l-artikolu 1327(f) ma japplikax billi d-dejn civili origina minn male fede tal-konvenut David Coleiro. Il-Qorti ma taqbilx li l-ingann, f'dan il-kaz, hlas ta' indebitu, ghalkemm sar b'qerq cioe b'malafede biex David Coleiro jithallas iktar milli suppost hu <u>reat</u> maghmul volontarjament kif irid l-artikolu 1327(f) biex jigi eskluz li d-debitu civili ikun debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Is-sentenza li nghatat kontra David Coleiro saret a bazi tal-indebitu cioe kwazi kuntratt. Il-qerq imsemmi fis-sentenza hu intiz ghal dak li l-kreditur hu intitolat jircevi lura (ara art. 1023 tal-Kap. 16) u mhux ghax necessarjament hu l-frott ta' reat). Ma rrizultax illi David Coleiro gie mharrek ghal xi reat kommess u anqas ma gie indikat mill-konvenuta ma liema reat qed torbot din l-eccezzjoni taghha. Fir-rikors sabiex tintervjeni ma saret ebda riserva ta' drittijiet anzi jidher illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-kawza u illi d-debitu jekk jigi kanonizzat mill-Qorti kien ser ikun debitu tal-komunjoni tal-akkwisti.

Lanqas jista' jinghad li l-konvenuta ma kienitx konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel ir-ragel billi l-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti sar biex hi tevadi d-djun tal-komunjoni li kienet taf li r-ragel taghha kien jidhol fihom b'mod indiskriminat u gie ppruvat li hi irceviet u inkassat cheques moghtija mill-attrici fuq isimha in konnessjoni mal-appalt.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Il-konvenuta eccepiet ukoll illi l-pretensjoni vantata kontra l-konvenuta essendo ma kienitx parti fil-kawza li tat lok ghad-debitu hi preskritta skond l-artikolu 1027 tal-Kap. 16.

Il-Qorti ma fehmitx din l-eccezzjoni. Din il-preskrizzjoni tapplika semmai fiz-zmien meta saret il-kawza kontra David Demanuele stante li l-azzjoni ghall-indebitu skond l-imsemmi artikolu hi preskritta fi zmien sentejn mindu l-persuna tkun skopriet l-izball. Illum il-kawza marret in gudikat u l-Qorti sabet li David Coleiro kien responsabbli ghal hlas lura tal-indebitu, u kwindi anki Doreen Coleiro essendo d-debitu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-atturi f'din il-kawza mhux qed jergghu jifthu l-vertenza gia deciza fil-kawza l-ohra izda qed jitolbu biss illi dik is-sentenza taghmel stat anke ghal Doreen Coleiro billi d-debitu hu wiehed tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Coleiro meta sar l-istess indebitu.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi milqugha.

Il-konvenuti jopponu ulterjorment ghat-talba attrici billi jsostnu illi llum ma hemmx komunjoni tal-akkwisti stante x-xoljiment tal-komunjoni fl-2001 u ghalhekk id-debitu ma jistax jolqot lil Doreen Coleiro. Hu minnu illi fl-2001 l-konjugi Coleiro xoljew il-komunjoni tal-akkwisti pero x-xoljiment japplika ghal dawk l-atti li setghu saru wara l-kuntratt tax-xoljiment u mhux ghal dak li sehh qabel, li bl-ebda mod ma jista' jippregudika d-debitu tal-komunjoni tal-akkwisti. Hu minnu wkoll illi fl-imsemmi kuntratt fi klawsola 5 il-partijiet qablu illi kull debitu li seta' sar qabel il-kuntratt jibqa' r-responsabilta ta' min ghamlu. Pero din ma

tezonerax lil konvenuta fil-konfront tal-kredituri billi din il-kondizzjoni torbot lil partijiet li ghamluha cioe d-debituri ma' xulxin pero ma tistax tippregudika lil kredituri sakemm l-assenjazzjoni tad-debitu ma jkunx sar bil-kunsens taghhom li mhux il-kaz prezenti. L-artikolu 1244 tal-Kap. 16 fil-fatt jiddisponi illi l-konjugi jistghu jbiddlu r-regim matrimonjali pero minghajr hsara ghal jeddijiet tat-tfal u ta' terzi.

Il-Qorti tqis li d-dritt akkwistat mill-konjugi Demanuele kontra David Coleiro hu enforzabbli kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Coleiro billi dan id-debitu insorga fiz-zmien meta l-komunjoni kienet ezistenti bejn il-partijiet.

Jirrizulta mix-xiehda ta' Doreen Coleiro quddiem il-Qorti fit-2 ta' Mejju 2012 illi l-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti sar biex id-dejn li kien jaghmel zewgha ma jaqghax fuqha wkoll. Izzid li zewgha kellu hafna dejn. Jirrizulta mill-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti illi l-fond matrimonjali 206/207 'Westgate' fi Triq M Ferretti, Birzebbugia kien inxtara meta bejn il-konjugi Coleiro kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Fil-kuntratt tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hi nghatat in-nofs indiviz li kien jappartjeni lil zewgha. Dan in-nofs indiviz gie stmat Lm23,000. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta bieghet din il-proprjeta f'bictejn b'zewg kuntratti datati 20 ta' Dicembru 2006 u 7 ta' Frar 2008 bi prezz hafna oghla minn dak dikjarat bhala l-valur fil-kuntratt tal-2001. Il-konvenuta tissottometti illi la darba l-komunjoni giet xolta u likwidata ma fadal xejn mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tqis illi l-kuntratt ta' bejgh tal-proprjeta li messha mix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mhix relevanti ghall-iskop ta' din il-kawza. L-artikolu 1330 tal-Kap. 16 ighid illi fejn l-assi tal-komunjoni huma insufficjenti biex jithallas id-dejn fuqhom, il-kredituri jistghu jenforzaw il-kreditu fuq il-proprjeta parafernali tal-konjugi. L-artikolu 1330(b) pero jghid illi fejn id-debitu jorigina mis-sengha, professjoni jew negozju, il-kreditur ma jistghax jenforza l-kreditu kontra l-proprjeta parafernali tal-konjugi li ma tatx lok ghal kreditu. Biex japplika dan l-artikolu irid jigi ppruvat

illi ma hemmx assi tal-komunjoni li jistghu jissodisfaw il-kreditu. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuntratt tal-2001 cioe dak tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti stabilixxa bhala fatt illi l-konvenuta Coleiro hadet valur ta' Lm23,000 cioe n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali li taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Billi d-debitu insorga qabel din id-data, il-komunjoni tal-akkwisti kienet tikkompendi d-dar matrimonjali u ma nghatat ebda prova li dan il-valur kompriz fil-komunjoni tal-akkwisti ma baqax jezisti. Il-Qorti tqis illi l-kuntratt ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, li sar biex il-konvenuta tahrab mid-dejn tal-kreditu ma ghandux jintuza biex il-kreditur jitlef id-drittijiet tieghu u dan in omagg ghal principju li l-kuntratti ghandhom isiru in buona fede u n-nuqqas tal-buona fede ma ghandux jigi sanzjonat mill-Qorti u l-Qorti ghandha dritt tara wara l-kuntratt u fejn il-ligi tippermetti jigu applikati r-rimedji.

Il-Qorti tqis illi l-konvenuta almenu fl-2001 hadet fil-poter taghha l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti u sakemm jirrizulta minn prova cara, f'dan il-kaz l-att pubbliku tax-xoljiment tal-komunjoni, ghandha taghmel tajjeb b'dak li messha qua komunjoni tal-akkwisti ghad-debitu tal-istess komunjoni maghmul qabel id-data tax-xoljiment tal-akkwisti, dejjem sal-limitu tal-komunjoni tal-akkwisti li jirrizulta ezistenti fil-kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghmula mill-konvenuta Doreen Coleiro, tichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici kif dedotta pero sal valur li jidher li mess lill-konvenuta kompriz fil-komunjoni tal-akkwisti fil-kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti tal-5 ta' Novembru 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------